# Qorti tal-Magistrati (Malta)

**Magistrat**

**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 228/2016**

**Kevin Attard (188869M) f'ismu proprju u in rapprezentanza tas-socjeta' Customs and Freight Agency Limited (C17475)**

**Vs**

**S.A. Sales Limited (C55182)**

**Illum, 30 ta' April 2019**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors prezentat minn Kevin Attard f'ismu proprju u in rapprezentanza ta' Customs and Freight Agency Limited fl-14 ta' Settembru, 2016, fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta` S.A. Sales Limited thallas is-somma ta' tnax-il elf, tlett mija u disghin Ewro (€12,390) rapprezentanti l-ammont minnha dovut ghal diversi servizzi moghtija lis-socjeta` konvenuta fuq struzzjonijiet taghha.

Illi minkejja li s-socjeta' giet interpellata bosta drabi sabiex thallas, xorta wahda baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez inkluz tal-ittra ufficjali numru 1427/16 kontra s-socjeta' konvenuta u bl-interessi mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta illi minn issa hija ingunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta ta' S.A Sales Limited (C55182) ipprezentata fit-18 ta' Ottubru, 2016 fejn eccepiet:-

*"1. Illi preliminarjament l-attur Kevin Attard ghandu jindika x'inhu l-interess tieghu fil-prezenti kawza;*

*2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost huwa stramb kif il-kont relattiv intbghat f'Mejju tas-sena 2016 meta s-socjeta intimata kienet terminat in-negozju li kellha mas-socjeta Customs and Freight Agency Limited ghal diversi xhur. Jidher ku dub il-pretenzjoni tresqet biss sabiex jevitaw li jhalsu l-ammont dovut lis-socjeta' esponenti, li qed jintalab fl-avviz 90/2016 pendenti quddiem dina l-Onorabbli Qorti, u ghalhekk l-esponenti qed jitlob* ***il-konnessjoni ta' l-kawzi;***

*3. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghal premess fejn setgha inghata dak li llum qed jissejjah mill-atturi "servizz" dan kien inghata fil-kors tas-servizzi l-oha (u cioe s-servizz ta' customs clearance) ghal liema servizz l-esponenti dejjem thallas regolarment u anzi jirrizulta li halest l-ammonti zejdu;*

*4. Illi fir-raba' lok u minghajr pregudizzju ghal premess l-ebda ammont ma huwa dovut kif pretiz;*

*5. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni in subizzjoni ta' l-atturi"*

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta permezz ta' digriet ta' assenjazzjoni moghti mis-S.T.O. il-Prim'Imhallef u dan b'effett mis-16 ta' Lulju 2018;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda li xehdu quddiem il-Qorti diversament preseduta;

Rat id-dokumenti esebiti u l-provi kollha migjuba mill-partijiet;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata mill-atturi fl-14 ta' Novembru 2018;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata mis-socjeta` konvenuta fl-udjenza tas-17 ta' Jannar 2019;

Semghet it-trattazzjoni finali;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

**Provi**

Il-Qorti hadet konjizzjoni tas-segwenti provi:-

It-testimonjanza ta' **Kevin Attard**, li xehed fl-udjenzi tat-30 ta' Novembru 2016, 5 ta' April 2017, 24 ta' Mejju 2017 u 10 ta' April 2018, u d-dokumenti minnu esebit, fosthom Dok. Z u Dok. Z1[1], u d-dokumenti komprizi f'Dok. A, B u C[2];

It-testimonjanza ta' **Antoine Agius**, li xehed fl-udjenza tal-24 ta' Mejju 2018;

It-testimonjanza ta' **Odette Vella** u **Marianne Pulis** li xehdu fit-18 ta' Ottubru 2017;

It-testimonjanza ta' **Saviour Agius** li xehed fl-udjenzi tal-5 ta Lulju 2017, 18 ta' Ottubru 2017 u 15 ta' Novembru 2017, u d-dokumenti minnu esebiti fosthom Dok. SAS[3];

Ikkunsidrat;

Illi din hija azzjoni ghall-hlas ta' servigi mwettqin. L-attur Kevin Attard li qed jagixxi f'din l-istanza kemm f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` attrici Customs and Freight Agency Services Limited, jghid illi oltre ghas-servizzi ta' *cargo handling* u *customs clearance* regolarment prestati mis-socjeta` attrici a favur tas-socjeta` konvenuta in konnessjoni mal-merkanzija importata minnha gewwa Malta, hu kien iwettaq fuq medda ta' diversi snin bosta servizzi ghall-gid u fl-interess tal-istess socjeta` konvenuta u fuq talba taghha. L-atturi jghidu illi ta' dawn is-servizzi ulterjuri huma baqghu ma thallsux.

[1] Fol. 15.

[2] Fol. 18 sa 20.

[3] Fol. 42 sa 44.

Is-socjeta` konvenuta tilqa' ghal din l-azzjoni billi fl-ewwel lok tikkontesta l-interess guridiku tal-attur Kevin Attard f'din l-azzjoni, filwaqt illi fil-mertu tikkontendi illi t-talba ghall-hlas tad-diversi servizzi allegatament rezi mill-atturi, hija motivata unikament bil-hsieb illi jigi evitat il-hlas tal-ammont pretiz mill-istess socjeta` konvenuta kontra dik attrici fi proceduri wkoll pendenti quddiem din il-Qorti kif preseduta[4], liema proceduri qed jigu decizi b'sentenza wkoll moghtija llum stess. B'din l-eccezzjoni l-Qorti tifhem illi s-socjeta` konvenuta qieghda tikkontendi illi s-servizzi ma gewx prestati bil-hsieb ta' rimunerazzjoni.

F'din l-istess vena hija wkoll it-tielet eccezzjoni li biha s-socjeta` konvenuta sostniet illi s-servizzi mertu tat-talba attrici f'din il-kawza gew rezi fil-kors ta' servizzi ta' *customs clearance* provduti mis-socjeta` attrici, liema servizzi, skont is-socjeta` konvenuta hija dejjem hallset ghalihom.

In konkluzjoni, is-socjeta` konvenuta teccepixxi illi ebda ammont ma huwa dovut lis-socjeta` attrici u li t-talba taghha ghall-hlas hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

Ikkunsidrat;

**<u>Interess Guridiku tal-Attur Kevin Attard</u>**

Illi bhala punt ta' tluq, il-Qorti tqis li ghandha tiddetermina l-eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjeta` konvenuta dwar l-interess guridiku tal-attur Kevin Attard f'din l-azzjoni. Kif rajna, l-azzjoni attrici hija wahda ghall-hlas ta' ammont allegatament dovut in linea ta' remunerazzjoni ghal servizzi prestati lis-socjeta` konvenuta. Id-diversi servizzi u l-hlas pretiz ghal kull kategorija ta' servizz, jinsabu mfissrin fi prospett immarkat Dok. Z, filwaqt illi l-*invoice* tal-ammont pretiz, mahrug fit-12 ta' Mejju 2016, jinsab esebit bhala Dok. Z1.

[4] Rikors 90/2016 fl-ismijiet **S.A. Sales Limited vs Customs and Freight Agency Limited**.

Kif ritenut mill-Qorti tal-Appell f'sentenza tas-26 ta' Jannar 2018[5], filwaqt illi wiehed irid jiddistingwi bejn semplici interess u interess guridiku f'kawza, huwa pacifiku illi l-eccezzjoni tal-interess guridiku hija eccezzjoni ta' natura perentorja u bhala tali hija sollevabbli f'kull stadju tal-proceduri, anke fi stadju ta' appell, kif ukoll hija ta' portata tant serju fuq l-ezitu, li tista' tigi sollevata *ex officio* mill-Qorti. Intqal hekk in propositu:-

"*... l-interess jirradika d-dritt ghas-smiegh ghal-litigant. Mitluf dak id-dritt, jintilef l-obbligu ghas-smiegh u ghalhekk huwa kompitu tal-Qorti illi ggib dan il-fatt 'il quddiem meta jirrizultalha 'l-bazi tal-azzjoni' huwa nieqes jew inkella ntilef fil-kors tal-kawza*".[6]

Gie ritenut ukoll mill-istess Qorti fis-sentenza taghha fil-kawza **Baldacchino vs Bellizzi et**:-

"*... min jistitwixxi azzjoni jrid bilfors ikollu xi dritt – 'l'azione civile non puo' essere promossa che per far valere un diritto, e da colui a cui il diritto spetti. Mancando l'uno e l'altro di questi requisiti, l'azione e' infondata ed inammissibile.*"

L-attur Kevin Attard xehed illi huwa kien jaghti s-servizz tieghu lis-socjeta` konvenuta bhala *cargo handler* ghan-nom u fl-interess tas-socjeta` attrici Customs and Freight Agency Limited li taghha huwa direttur, liema kumpannija kienet tiehu hsieb il-*clearance* mid-dwana tax-xoghol importat mis-socjeta` konvenuta, inkluz processar ta' dokumenti u hlas ta' taxxi u dazji. Xehed ukoll illi oltre ghal dawn is-servizzi, hu « personalment » kien jiehu hsieb ukoll jaghti konsulenza lil Antoine Agius, id-direttur ghan-nom tas-socjeta` konvenuta, u ta' dan ix-xoghol kien jithallas ukoll mis-

[5] **Emily Stivala et vs Paola Tabone.**

[6] **Veronique Amato Gauci et vs Marco Zammit et**, Appell Civili [Inf.], deciz 19 ta' Mejju 2004.

socjeta` konvenuta b'zieda mal-hlasijiet li wkoll kienu jsiru mill-istess socjeta` konvenuta ghas-servizzi ta' *customs clearance*.

Madanakollu, il-Qorti mill-ewwel tosserva illi l-*invoice* intestat lil S.A. Sales Limited (Dok. Z1) b'talba ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' €12,390, cioe` l-ammont mitlub fir-Rikors promotur, gie mahrug mis-socjeta` attrici Customs and Freight Agency Limited minghajr ebda indikazzjoni fuqu tal-isem tal-attur Kevin Attard. Dan ifisser illi t-talba ghall-hlas fl-imsemmi ammont saret, u kull hlas eventwali jigi percepit minn Customs and Freight Agency Limited biss.

Din il-konkluzjoni hija sorretta ulterjorment minn dak li stqarr l-attur Kevin Attard innifsu in kontro-ezami fis-seduta tal-10 ta' April 2018, meta qal illi lilu personalment ma huma dovuti l-ebda pagamenti mis-socjeta` konvenuta, u illi l-ammont li qed jigi reklamat f'din il-kawza huwa kollu kemm hu dovut lis-socjeta` attrici u qed jintalab f'isimha. Kevin Attard xehed hekk fir-rigward:-

"*Il-flejjes li qed nirriklamaw effettivament huma dovuti lis-socjeta` Customs and Freight Limited. Mhux lili personalment u dan ghaliex ix-xoghol li kien offrejt kien … waqt il-hin tax-xoghol tal-kumpannija u ghalhekk il-flejjes qeghdin jintalbu f'isem il-kumpannija.*"[7]

Din l-istess konkluzjoni hija msahha wkoll mill-osservazzjoni illi ghalkemm Kevin Attard meta xehed, qal illi s-socjeta` konvenuta kienet thallas ukoll lilu personalment ghal dawn is-servizzi minnu rezi, hu baqa' ma ressaq ebda prova kwalsiasi ta' xi pagament li sar lilu personalment mis-socjeta` konvenuta. Effettivament, is-socjeta` konvenuta rnexxielha turi permezz ta' prospett immarkat Dok. SAS a fol. 42, illi bejn is-snin 2013 u 2015, il-pagamenti kollha li li ghamlet ghas-servizzi rezi mis-socjeta`

[7] Seduta 10 ta' April 2018.

attrici saru direttament lill-istess socjeta` attrici f'isimha. Din il-prova ma gietx ikkontestata mill-atturi u konfermement u fil-gabra tal-kunsiderazzjonijiet kollha hawn maghmula, il-Qorti tqis illi l-attur Kevin Attard mhux talli ma sehhlux juri li ghandu interess guridiku attwali, diretta u personali f'din l-azzjoni, talli l-interess tieghu gie eskluz b'mod assolut bl-affermazzjoni tieghu stess in kontro-ezami fl-udjenza ta' 10 ta' April 2018.

Ghaldaqstant, il-Qorti ma tistax hlief tqis illi l-interess tal-attur Kevin Attard fl-azzjoni odjerna hija kompletament mankanti u konsegwentement ma ghandux legitimazzjoni attiva f'din l-azzjoni kwantu hija diretta fil-konfront tas-socjeta` konvenuta.

## MERTU

### It-Tielet Eccezzjoni

Il-Qorti sejra f'dan l-istadju tittratta u tiddetermina t-tielet eccezzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta.

Kif diga stabbilit, din hija azzjoni ghall-hlas ta' servizzi allegatament prestati lis-socjeta` konvenuta.

Mill-provi mressqa f'din il-kawza, jirrizulta illi s-socjeta` attrici topera fil-qasam ta' *cargo handling* u *customs clearance* izda oltre dawn is-servizzi, hija ssostni illi pprestat lis-socjeta` konvenuta servizzi ulterjuri konsistenti f'konsulenza *inter alia* fir-reklutagg ta' impjegati godda, servizzi ta' interpretu u traduzzjoni, assistenza f'korrispondenza, pariri u attendenza f'diversi fieri barra minn Malta, kif imfisser fil-prospett Dok. Z li jaghti spjega ta' f'hiex tikkonsisti s-somma reklamata f'din il-kawza u kif spjega ulterjorment Kevin Attard fid-diversi depozizzjonijiet tieghu f'din il-kawza.

Wara li ezaminat l-atti, il-Qorti tosserva illi s-socjeta` konvenuta ma tikkontestax illi s-servizzi elenkati fil-prospett Dok. Z, gew effettivament rezi u li hi bbenefikat minnhom, hlief ghal dawk is-servizzi allegatament rezi in konnessjoni ma' xi investigazzjonijiet mwettqa mill-Economic Crimes Unit. Madanakollu, is-socjeta` konvenuta ssostni illi dawn is-servigi saru fil-kors ta' u kienu ancillari ghas-servizzi ordinarjament imwettqa mis-socjeta` attrici Customs and Freight Agency Limited, liema servizzi dejjem thallsu regolarment u ghalhekk ma huwa dovut ebda hlas ghalihom.

Il-Qorti mill-ewwel tqis illi din l-eccezzjoni m'hijiex siewja. Huwa evidenti min-natura tas-servizzi allegatament rezi mis-socjeta` attrici mertu ta' din il-kawza, cioe` konsulenza dwar u partecipazzjoni f'intervisti ghal impjegati prospettivi, servizzi ta' interpretu u traduzzjoni u assistenza u attendenza gewwa fieri barra minn Malta, assistenza f'korrispondenza u servizzi konnessi ma' ristutturar tal-kumpannija Max Diner Limited fost ohrajn, mhux talli m'humiex ancillari, talli ma ghandhom x'jaqsmu proprju xejn man-negozju principali tas-socjeta` Customs and Freight Agency Limited liema negozju, kif diga` stabbilit u anke kif xehed l-attur Kevin Attard[8], jikkonsisti f'servizzi ta' *cargo handling* u *customs clearance*. Dan premess, il-Qorti tosserva illi s-socjeta` konvenuta ma wrietx kif dawn is-servizzi jistghu jitqiesu li kienu jinghataw fil-kors tas-servizzi rezi mis-socjeta` attrici in linea ta' *cargo handling* u *customs clearance* galadarba huwa evidenti, fil-fehma tal-Qorti, li mhuwiex normali li kumpannija tal-*cargo handling* tintrometti ruhha bhala parti normali tas-servizzi minnha offruti, fid-decizjonijiet li jittiehdu minn klijent taghha fir-rigward tal-ingagg ta' impjegati prospettivi jew fl-attendenza ghal fieri fl-esteru mhux relatati ma' *cargo handling*, jew fi kwistjonijiet relatati mas-*set up* tal-klijienti taghha u l-htigijiet tal-istruttura interna taghhom.

[8] Seduta tat-30 ta' Novembru 2016.

Barra minn hekk, is-socjeta` konvenuta lanqas ma rnexxielha tikkonvinci b'mod sodisfacjenti kif u b'liema mod il-hlas ghal dawn is-servizzi kien inkluz fir-rati tas-servizzi ta' *customs clearance*, meta lanqas ingiebet prova tar-rati tal-hlas ghas-servizzi normalment rezi mis-socjeta` attrici, biex jintwera kif dawn ir-rati kienu jkopru wkoll xi servizzi ulterjuri.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqies illi t-tielet eccezzjoni hija infondata u ghandha tigi michuda.

**<u>It-Tieni Eccezzjoni</u>**

Is-socjeta` konvenuta permezz tat-tieni eccezzjoni taghha, tfisser illi t-talba ghall-hlas permezz tal-proceduri odjerni saret b'rejazzjoni ghall-proceduri intavolati minnha[9] fil-konfront tas-socjeta` attrici ghal rifuzjoni ta' spejjez imhallsin indebitament, bil-ghan illi tigi newtralizzata kull eventwali kundanna ghall-hlas.

Ghalkemm ma jidhrix illi s-socjeta` konvenuta eccepiet b'mod formali jew espress illi s-servizzi gew rezi gratuwitament, din il-linja difensjonali hija evidenti mill-mod kif giet impostata din it-tieni eccezzjoni fuq imsemmija, kif ukoll mix-xhieda tad-dirigenti tal-istess socjeta` konvenuta fil-kors tal-proceduri odjerni u mill-provi l-ohra minnha prodotti.

Huwa ghalhekk imperattiv illi qabel xejn jigi stabbilit jekk is-servizzi li l-hlas taghhom qed jintalab f'dawn il-proceduri, ghandhomx jitqiesu li gew prestati gratuwitament jew bi speranza ta' kumpens.

Fis-sentenza moghtija fis-6 ta' Ottubru 1954 fil-kawza fl-ismijiet **Giuseppina Deidun et vs Emilia Poggi et**[10], il-pozizzjoni fir-rigward, giet kristalizzata b'dawn il-kliem:-

---

[9] Rikors 90/2016, **S.A. Sales Limited vs Customs and Freight Agency Limited**.

[10] Prim'Awla tal-Qorti Civili, Vol. XXXVIII.ii.568.

*"**Il-prestazzjoni ta' servigi mhix prezunta li tkun saret gratuwitament; u l-intenzjoni tal-gratuwita` u r-rinunzja ghall-kumpens ma ghandhomx jigu akkolti facilment**; Il-prezunzjoni tan-'non-gratuwita`' fil-gurisprudenza anterjuri giet sostitwita bil-prezunzjoni kuntrarja fil-kaz ta' servigi prestati bejn parenti, fejn is-servigi gew ritenuti bhala prestati 'familiaritatis causa'. Imma fil-gurisprudenza aktar recenti, anki ghar-rigward tal-parenti, gie applikat il-principju li kwalunkwe servigi jigu ritenuti prestati bi speranza ta' kumpens, jekk ma jikkonkorrux cirkustanzi tali li jiggustifikaw konkludentement il-gratuwita`, sija pure minhabba relazzjonijiet ta' parentela (P.A. 3.10.1935 'Mifsud vs Briffa'; 12.12.1935 'Farrugia vs Caruana')".*[11] [Enfasi ta' din il-Qorti]

Ghalkemm il-bran fuq citat jittratta talba ghall-hlas ta' servigi rezi bejn qraba bil-parentela, il-Qorti tqis illi l-istess principji ghandhom isibu riskontru anke fil-kaz odjern fejn kien hemm sfond mhux biss kummercjali izda wkoll ta' hbiberija bejn iz-zewg partijiet, b'dan illi l-presunzjoni f'dan il-kaz ghandha tkun favur in-non gratuwita` tas-servigi.

Fis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Joseph Portelli et vs Rik Limited**[12], gie ritenut hekk:-

*"Huwa stabbilit lil-bazi ta' azzjoni ghal servizzi moghtija triegi fuq zewg sisien : jigifieri fuq **il-kwasi kuntratt u fuq il-prezunzjoni li min jaghti servizz lil haddiehor jaghmel hekk bil-fehma li jithallas ta' dak li ghamel. Minbarra dan ilu zmien twil acettat li il-hlas ta' servigi jista' jkun dovut mhux biss jure actionis, jigifieri meta huwa miftiehem, imma wkoll officio judicis, jigifieri meta mic-cirkostanzi ikun jidher sewwa illi min ta' dak is-servizz ried li jithallas tieghu jew kien imwieghed***

[11] Ara wkoll: **Mary Grace Attard et vs Rosario Attard**, deciza mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Ottubru 1989 (Vol. LXXIII.ii.396), u **Alfred Caruana et vs Paul Farrugia et**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru 1996 (Vol. LXXX.iii.1280).
[12] 16 ta' Dicembru 2003.

***hlas ghalieh****.* *Biex wiehed jasal biex jara jekk persuna kellhiex il-fehma jew l-istennija li tithallas ghandu jitqies il-waqt meta jinghata tali servizzi, ghaliex ic-cirkostanzi li jsehhu wara ma jservix biex joholqu b'lura dritt ta' fehma li ma kienitx l-intenzjoni tal-partijiet li joholqu."* [Enfasi ta' din il-Qorti]

Ghalkemm, kif inghad, is-servizzi li ghalihom qed jigi reklamat il-hlas f'din il-kawza, ma jidhrix li nghataw fil-kors normali tan-negozju u servizzi ordinarjament rezi mis-socjeta` attrici u ma hemm ebda prova lanqas li kien hemm xi ftehim formali ghall-prestazzjoni ta' dan is-servizzi, il-Qorti tqis illi n-nuqqas ta' ftehim formali m'hijiex ta' xkiel ghal sejbien ta' responsabblita` ghall-hlas ta' servigi. Wara kollox, jinsab stipolat fl-Artikolu 1012 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta illi:-

*"Il-kwasi kuntratt huwa fatt lecitu u volontarju illi minnu tohrog obligazzjoni lejn persuna ohra jew obligazzjonijiet tal-partijiet lejn xulxin."*

Barra minn hekk, il-Qorti tqis illi biex titwaqqa' l-presunzjoni li servigi nghataw bi speranza ta' kumpens, jehtieg li min jallega li x-xoghol sar b'xejn irid igib provi tajbin bizzejjed biex iwaqqa' din il-presunzjoni u juri b'mod konvincenti li l-intenzjoni tar-remunerazzjoni kienet eskluza u illi s-servizz ma setax gie prestat hlief gratuwitament.

Kif gie ritenut in propositu:-

"*Ma jistax ikun qatt dubitat in linea ta' principju illi, sakemm il-prestazzjoni ma tkunx wahda gratuwita, min jippresta s-servizzi tieghu taht kwalsiasi forma, ghal vantagg ta' haddiehor, hu intitolat li jigi retribwit. Dan in omagg principju illi omnia labor, optat premium. Tenut rigward ta' l-elementi probatorji determinanti fil-kaz konkret, jispetta lill-apprezzament ghaqli tal-Qorti fil-mertu, u lill-valutazzjoni libera taghha, kemm ghandu jkun il-kwantum ta' dik ir-retribuzzjoni…*"[13]

[13] **Nutar Dr Remigio Zammit Pace vs Sunrise Park Hotels Limited et**, Qorti tal-Appell (Inf) 20 ta' Novembru 2009. Ara wkoll: – **Albert Calleja vs Direttur Generali tal-Qorti**, deciza Qorti tal-Appell (Inf), 6 ta' April 2005.

Stabbilit dan, il-Qorti hadet konsiderazzjoni tas-segwenti fatti li jirrizultaw minn ezami tar-rizultanzi processwali, sabiex tiddetermina jekk l-insenjament fuq citat ghandux isib riskontru wkoll f'dan il-kaz tenut kont tal-fattispecje partikolari tieghu.

Ikkunsidrat ;

Tas-servizzi prestati minnha fil-kors normali tan-negozju taghha, jirrizulta illi s-socjeta` attrici kienet tibghat invoices regolari lis-socjeta` konvenuta, u ghal diversi snin jidher li r-relazzjoni bejn iz-zewg kumpanniji kienet wahda tajba u l-hlasijiet dovuti lis-socjeta` attrici kienu jsiru regolarment u minghajr problemi[14]. Huwa evidenti wkoll illi d-diretturi tal-kumpanniji rispettivi, Kevin Attard u Antoine Agius, kellhom relazzjoni tajba ta' hbiberija bejniethom u illi Kevin Attard kien jaghti konsulenza lil Antoine Agius ghan-nom tas-socjeta` konvenuta f'diversi aspetti tan-negozju u hidma interna tal-istess socjeta`. Effettivament, minn dak li xehdu Antoine Agius kif ukoll ibnu Saviour Agius, jidher li m'huwiex kontestat illi Kevin Attard kien, b'mod generali, jaghti konsulenza lil Antoine Agius f'diversi aspetti tal-hidma tas-socjeta` konvenuta. Huwa stabbilit ukoll illi Kevin Attard gieli siefer ma' Antoine Agius biex jattendi f'xi fiera barra minn Malta in konnessjoni man-negozju tas-socjeta` konvenuta, u illi l-istess socjeta` konvenuta kienet dejjem thallaslu l-passaggi u l-akkomodazzjoni kif ukoll spejjez ohrajn ancillari mal-vjagg.

Is-servizzi ta' konsulenza moghtija minn Kevin Attard ghan-nom tas-socjeta` attrici, sussegwentement ma baqghux jintuzaw mis-socjeta` konvenuta u r-relazzjonijiet bejn il-partijiet iddeterjoraw, u kien ghalhekk li fis-sena 2016 Kevin Attard, fi kliemu stess, dehrlu li kellu jibghat kont finali. Jirrizulta illi fl-istess zmien, tqajmet ukoll vertenza

---

[14] Ara wkoll Dok. SAS a fol. 42 *et seq.*

bejn is-socjeta` attrici u dik konvenuta, fejn din tal-ahhar sostniet illi s-socjeta` attrici kienet ilha diversi snin, permezz tal-invoices mibghuta lilha ghas-servizzi ta' *customs clearance,* titlob il-hlas ta' spejjez li ma kienux qeghdin effettivament jigu inkorsi minnha, bil-konsegwenza li s-socjeta` konvenuta allegatament hallset lis-socjeta` attrici ammont ta' flus sostanzjali fuq medda ta' diversi snin b'mod indebitu. Jirrizulta wkoll illi s-socjeta` konvenuta istitwiet proceduri gudizzjarji kontra s-socjeta` attrici fejn talbet ir-rifuzjoni ta' dan l-ammont allegatament imhallas indebitament, liema kawza qieghda tinstema' minn din il-Qorti kif preseduta u qed tigi deciza permezz ta' sentenza moghtija kontestwalment.

Ikkunsidrat;

Minkejja li Kevin Attard inizzjalment xehed illi s-socjeta` konvenuta kienet thallas ghal dan ix-xoghol ta' konsulenza li kien jipprovdi a beneficcju tas-socjeta` konvenuta b'zieda mas-servizzi regolari ta' *customs clearance,* mill-provi ma jirrizultax illi s-socjeta` konvenuta qatt intalbet jew effettwat xi hlas ghax-xoghol li ghalih qed jintalab il-hlas permezz ta'din il-kawza. Minn ezami tal-atti processwali, jirrizulta li s-servizzi li taghhom qed jintalab il-hlas imorru lura diversi snin, kif del resto kkonferma l-attur Kevin Atttard innifsu ; madanakollu, il-Qorti tosserva li ma gew prodotti ebda invoices intestati lis-socjeta` konvenuta ghall-hlas ta' xi servizzi ta' konsulenza jew servizzi ohrajn rezi oltre dawk is-servizzi prestati bhala parti min-negozju ordinarju tas-socjeta` attrici. Effettivament, is-socjeta` konvenuta ssostni illi hija qatt ma ghamlet xi pagamenti lis-socjeta attrici jew lil Kevin Attard ghas-servizzi ta' konsulenza u assistenza mertu ta' din il-kawza, u meta eventwalment xehed in kontro-ezami, Kevin Attard ikkonferma illi s-socjeta` attrici qatt ma baghtet invoices lis-socjeta` SA Sales Limited qabel is-sena 2016, u illi lanqas Antoine Agius qatt talbu x'ghandu jhallas ghal dawn is-servizzi[15].

[15] Ara xhieda fis-seduta tal-10 ta' April 2018.

Mill-provi jirrizulta wkoll illi qatt kien hemm xi ftehim milhuq bejn il-partijiet dwar ir-rati jew modalita` tal-hlas ghal dawn is-servizzi. Minkejja li Kevin Attard fix-xhieda tieghu qal illi Antoine Agius talbu jaghtih *discount* fuq ir-rati tieghu meta kienu jsiefru flimkien, u b'hekk jaghti x'jifhem illi kien hemm ftehim jew almenu konoxxenza tan-naha l-ohra dwar ir-rati tas-servizzi tieghu, il-Qorti m'hijiex konvinta illi qatt kien hemm ftehim bejn il-partijiet dwar ir-rati tal-hlas ghall-assistenza ta' Kevin Attard, la ghall-vjaggi barra minn Malta u lanqas ghas-servvizzi l-ohrajn prestati mis-socjeta` attrici oltre dawk formanti parti min-negozju ordinarju taghha. Effettivament, meta xehed fl-24 ta' Mejju 2018, Antoine Agius ikkonferma illi ma kien hemm l-ebda ftehim bejn il-partijiet dwar xi hlas li kellu jsir minhabba li Kevin Attard kien isiefer mieghu u skont hu, « … *lanqas qatt ma tani x'nifhem li kien ser jinghatli xi kont.* »

Il-Qorti, filwaqt li tifhem illi n-nuqqas ta' ftehim dwar rati tal-hlas ma hu ta' ebda ostakolu ghall-pretensjoni ghall-hlas u mehud wahdu ma jistax jitqies li jeghleb il-presunzjoni tan-non gratuwita` tas-servizz, tqis ukoll illi minn dak li stqarr Antoine Agius huwa evidenti li huwa kien ben konsapevoli li l-prezenza ta' Kevin Attard fuq il-vjaggi barra minn Malta konnessi man-negozju tas-socjeta` konvenuta, ma kienetx wahda gratuwita izda li kien qed jippresta servizzi li jmorrru oltre dak li kien mistenni minnu; fir-rigward, huwa xehed hekk :- « *Fil-fatt, fil-bidu kont nghidlu x'irrid intih u kien jghidli li dana kien parti mis-servizzi tieghu lill-klijent.* »[16]

Kwantu ghall-assistenza u konsulenza offruta minn Kevin Attard ghan-nom tas-socjeta` attrici f'xi aspetti tal-amministrazzjoni interna tas-socjeta` konvenuta u tan-negozju taghha, Saviour Agius, wiehed mid-diretturi tas-socjeta` konvenuta u iben

[16] Xhieda tal-24 ta' Mejju 2018.

Antoine Agius, xehed illi Kevin Attard kien habib ta' missieru u illi missieru "*kien ihabbat il-hsibijiet tal-kumpannija ma' Kevin Attard*". Hu qal illi Kevin Attard offra minn jeddu illi jippartecipa fl-intervisti tal-impjegati prospettivi tal-kumpannija konvenuta, izda mbaghad kompla jfisser illi d-decizjoni dwar l-ezitu tal-intervisti u r-reklutagg tal-impjegati, kienet tkun wahda kongunta bejnu u bejn missieru u Kevin Attard.

Mehud qies tal-premess, il-Qorti tifhem illi l-involviment ta' Kevin Attard ghan-nom tas-socjeta` attrici f'certi decizjonijiet tas-socjeta` konvenuta huwa inkompatibbli ma' prezunzjoni ta' gratuwita`, *multo magis* meta wiehed iqis illi huwa evidenti sew mix-xhieda kif ukoll minn diversi dokumenti esebiti mill-atturi, senjatament korrispondenza skambjata permezz tal-posta elettronika bejn Antoine Agius jew Saviour Agius ghan-nom tas-socjeta` konvenuta, u Kevin Attard[17], illi b'mod generali dawn is-servizzi nghataw fuq talba tas-socjeta` konvenuta u mhux spontanjament minn Kevin Attard.

Barra minn hekk, il-Qorti ssib illi l-provi migjuba ma jissostanzjawx l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta illi l-pretensjoni tas-socjeta` attrici tressqet biss biex tevita l-hlas reklamat minnha fil-kawza Rikors Numru 90/2016 u lanqas ma jissostanzjaw il-linja difensjonali tas-socjeta` konvenuta illi s-servizzi gew prestati gratuwitament. Kif diga` stabbilit, l-allegazzjoni tas-socjeta` konvenuta illi s-servizzi gew prestati bhala parti mis-servizz ta' *customs clearance* moghti lill-klijenti tas-socjeta` attrici, ukoll ma hijiex attendibbli jew verosimili. Ghall-kuntrarju l-Qorti tirribadixxi illi jirrizulta b'mod car mill-provi illi bosta mis-servizzi li ghalihom qed jigi reklamat il-hlas, gew fir-realta` mitluba mis-socjeta` konvenuta u kienu necessarji ghaliha u ghall-andament tan-negozju u l-hidma interna taghha. Effettivament, ma gie prodott ebda dokument

[17] Vide emails formanti parti minn Dok. A kif ukoll Dok. C.

jew prova ohra li turi li s-socjeta` konvenuta pprotestat kontra l-ghoti tas-servizz da parti ta' Kevin Attard jew infurmatu illi s-servizzi tieghu ma kienux rikjesti.

Il-fatt illi baqa' ma ntbaghtx kont ghas-servizzi li qed jigi allegat li gew prestati, ukoll ma jwaqqax, fil-fehma tal-Qorti, il-presunzjoni tan-non gratuwita` tas-servigi : fil-kaz odjern, dan in-nuqqas huwa facilment spjegabbli bir-relazzjoni ta' hbiberija li kienet tezisti bejn iz-zewg diretturi, liema hbiberija tispjega wkoll ghaliex ma kienx hemm ftehim dwar ir-rati tal-hlas ghas-servizz. F'kull kaz, il-Qorti tqis ukoll illi l-fatt tal-hbiberija mhuwiex inkompatibbli mal-presunzjoni tan-non gratuwita` tas-servizzi, u kkunsidrati c-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, tqis ukoll illi s-socjeta` konvenuta ma wrietx li jezistu ragunijiet bizzejjed biex jikkonvincu lill-Qorti illi Kevin Attard ippresta servizzi li jidher li saru ghall-beneficcju tas-socjeta` konvenuta, biss ghaliex kellu ghal qalbu l-gid tal-kumpannija ta' siehbu u mhux ukoll bl-intendiment ta' rimunerazzjoni.

Dawn l-osservazzjonijiet u cirkostanzi kollha flimkien, maghdud il-principju ta' l-ekwita`, jikkostitwixxu ghall-Qorti prova sufficcjenti li s-socjeta` attrici hija intitolata tircievi r-remunerazzjoni misthoqqa ghal dawk is-servizzi li jista' talvolta jirrizulta li gew minnha prestati a favur tas-socjeta` konvenuta, u dan in raguni ghall-massima *omnia labor, optat premium*.

Ghaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma illi jekk jigi ppruvat sodisfacjentement illi s-servizzi specifikatament indikati mis-socjeta` attrici fl-invoice Dok. Z1, gew effettivament rezi, u dan a favur tas-socjeta` konvenuta, is-socjeta` attrici tkun timmerita illi tigi kkumpensata.

Ikkunsidrat ;

Stabbilit ghalhekk illi s-servizzi allegatament prestati a favur is-socjeta` attrici hekk kif indikati f'Dok. Z u Dok. Z1 ma gewx hekk prestati b'mod gratuwitu, u stabbilit ukoll illi ma kienx hemm ftehim formali dwar ir-rati tal-hlas tas-servizzi in kwistjoni, il-Qorti tqis li ghandha tghaddi biex tikkunsidra liema mis-servizzi prestati, gie ippruvat li gew effettivament rezi a beneficcju tas-socjeta` konvenuta, kif ukoll il-materja tal-kumpens li ghandu jithallas ghas-servizzi hekk prestati.

Ghalkemm jigi osservat illi d-deskrizzjoni, f'Dok. Z u Dok. Z1, tas-servizzi li l-hlas taghhom qed jigi reklamat, hija wahda generali u pjuttost wiesa', il-Qorti wara li fliet bir-reqqa l-provi u t-testimonjanza tax-xhieda li xehdu f'din il-kawza, ftit ghandha diffikolta` tikkonkludi illi s-socjeta` attrici tramite Kevin Attard, ipprestat servizzi mhux konnessi ma' u li jmorru oltre min-negozju principali tal-istess socjeta` attrici, u dan a beneficcju tas-socjeta` konvenuta fuq talba tad-dirigenti taghha.

Mill-atti, jirrizulta wkoll illi s-servizzi li taghhom qed jigi reklamat il-hlas gew maqsumin mill-atturi fi tliet kategoriji generali u in sostenn ta' dawn il-kategoriji ta' servizz, gew esebiti diversi dokumenti:-

**Dok. A** – dokumenti li juru li nghatat konsulenza konnessa mar-ristrutturar tas-socjeta` konvenuta u konsulenza generali rikjesta mill-istess konvenuta bhala assistenza f'certi aspetti tan-negozju taghha;

**Dok. B** – dokumenti li juru li nghataw servizzi ta' assistenza u konsulenza fuq vjaggi barra minn Malta konnessi man-negozju tas-socjeta` konvenuta; u

**Dok. C** – dokumenti li juru li nghatat konsulenza konsistenti fl-iskrutinju ta' diversi *curricula vitae* (CVs) ta' impjegati prospettivi tas-socjeta` konvenuta, u

partecipazzjoni f'intervisti u decizjonijiet dwar reklutagg ta' impjegati tal-istess socjeta` konvenuta.

**Dok. A**

Dwar is-servizzi ta' konsulenza mertu tas-sett ta' dokumenti immarkat komplessivament bhala Dok. A, il-Qorti taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet.

Dawn is-servizzi gew deskritti mis-socjeta` attrici fl-invoice Dok. Z1 bhala "*Sending of correspondences to suppliers including translations*" u "*Assistance in restructuring of company including change of trading from Max Diner to S.A. Sales Ltd for fiscal purposes*".

Skont il-prospett Dok. Z, is-socjeta` attrici qieghda titlob il-hlas tas-somma komplessiva ta' €900 ghas-servizz ta' "*Correspondence and translations plus introductory letters*", u s-somma komplessiva ta' €600 ghas-servizz ta' "*Report and meetings carried out for restructuring of company.*"

Rigward is-servizzi ta' konsulenza konsistenti fil-korrispondenza u traduzzjonijiet lill-fornituri tas-socjeta` konvenuta, jirrizulta manifestament minn Dok A illi bejn is-snin 2013 u 2014, Kevin Attard kien jintalab regolarment jassisti u jaghti pariri lis-socjeta` konvenuta fuq materji varji konnessi man-negozju taghha. Jirrizulta wkoll mill-*email* datat 30 ta' Awwissu 2014, illi Kevin Attard gie mitlub jaghti konsulenza dwar il-bejgh tal-avvjament tal-kumpannija S.A. Sales Limited.

Ghalkemm il-parti l-kbira tal-korrispondenza esebita bhala parti minn Dok. A fiha biss ir-rikjesti da parti tas-socjeta` konvenuta ghall-assistenza, pariri u konsulenza, il-Qorti hija konvinta illi dan is-servizz gie provdut fuq bazi regolari minn Kevin Attard f'isem is-socjeta` attrici, talanqas matul il-perijodu fuq indikat.

Inoltre, anke billi l-*quantum* li gie reklamat mis-socjeta` attrici, fis-somma komplessiva ta' €900, ma giex specifikatament kontestat mis-socjeta` konvenuta, il-Qorti tqis illi din is-somma hija misthoqqa u ghandha tithallas lis-socjeta` attrici.

Kwantu ghas-servizz ta' konsulenza fir-ristrutturar tal-kumpannija, huwa minnu illi jirrizulta li kien thejja rapport intitolat "*Restructuring Survey for the Limited Liability Company Max Diner Limited*" esebit bhala parti minn Dok. A, fejn gie moghti parir bil-miktub wara li saru diversi laqghat u spezzjonijiet presumibbilment minn Kevin Attard (ir-rapport mhuwiex iffirmat), izda ma jistax ma jigix osservat illi dan il-parir ma nghatax lis-socjeta` konvenuta izda lil kumpannija ohra, bl-isem Max Diner Limited. Ghalkemm gie allegat illi dan is-servizz li gie prestat wassal proprju sabiex il-kumpannija Max Diner Limited bidlet isimha ghal S.A. Sales Limited, ma tressqet ebda prova illi effettivament dawn huma l-istess kumpannija u mhux zewg kumpanniji differenti, kif issostni s-socjeta` konvenuta. Ghalkemm huwa minnu li Saviour Agius xehed illi Max Diner bidlet isimha ghal S.A. Sales, dan ghall-Qorti m'huwiex bizzejjed biex jigi ppruvat sal-grad li trid il-ligi li dawn huma l-istess kumpanniji *multo magis* meta l-istess socjeta` konvenuta tikkontendi illi Max Diner Limited u S.A. Sales huma effettivament zewg kumpanniji distinti[18] u meta din il-prova kienet wahda li hija disponibbli u accessibbli u setghet ghalhekk tigi facilment prodotta mis-socjeta` attrici. Konformement il-Qorti hija tal-fehma li s-socjeta` attrici naqset milli tipprova sodisfacjentement sal-livell rikjest fil-ligi civili, cioe' *on a balance of probabilities* illi Kevin Attard ghan-nom taghha wettaq f'dan ir-rigward xoghol ta' konsulenza dwar ristrutturar tas-socjeta` konvenuta nnifisha.

[18] Ara wkoll xhieda ta' Antoine Agius fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2018.

Kwantu ghas-servizz ta' "*Assistance during economic crime investigations for importation of beer*", ghal liema servizz il-prospett Dok. Z jindika remunerazzjoni mitluba fis-somma ta' €400, ghall-Qorti m'huwiex car f'hiex kienet tikkonsisti l-prestazzjoni tas-socjeta` attrici f'xi investigazzjonijiet li qed jigi allegat li gew kondotti mill-Economic Crimes Unit fl-operar tas-socjeta konvenuta. Is-socjeta` konvenuta da parti taghha, tikkontesta din l-allegazzjoni tas-socjeta` attrici u tikkontendi illi Kevin Attard u s-socjeta` attrici qatt ma kienu involuti jew taw xi assistenza in konnessjoni ma' xi investigazzjonjiet tal-Pulizija.

Ghalkemm il-Qorti temmen illi kull servizz li jigi rez ghandu jigi kkumpensat, tqis illi huwa inkombenti fuq l-attur biex jaghmel il-prova sal-grad rikjest mil-ligi fil-kamp civili li s-servizz li tieghu qed jigi reklamat il-hlas, gie attwalment rez, u dan billi jinghata t-taghrif relevanti sabiex dan is-servizz jista' jigi identifikat. Izda f'dan il-kaz ma hemm xejn minn dan fl-atti. Ix-xhieda ta' Kevin Attard u l-fatt li s-socjeta` attrici ghogobha tibghat invoice wara kwazi tliet snin ghas-servizz minnha reklamat in konnessjoni ma' xi assistenza allegatament moghtija fl-investigazzjonijiet imsemmija, wahedhom ma jikkostitwixxux, fil-fehma tal-Qorti, prova sufficjenti li s-servizzi gie rez, *multo magis* meta l-prestazzjoni ta' dan is-servizz giet specifikatament kontestata mis-socjeta` konvenuta.

**Dok. B**

Id-dokumenti formanti parti minn Dok. B jirrigwardaw is-servizzi konsistenti f'dik il-konsulenza deskritta f'Dok. Z1 bhala « *Travelling to fairs and suppliers* », cioe` l-attendenza u assistenza ta' Kevin Attard fuq talba ta' Antoine Agius fuq vjaggi barra minn Malta, inkluz fieri u laqghat ma' *suppliers*, konnessi man-negozju tas-socjeta` konvenuta. Il-hlas mitlub ghas-servizzi moghtija lis-socjeta konvenuta f'dan ir-rigward, skont kif jirrizulta mill-prospett Dok. Z, huwa ta' €8,000 u dan ghal tmien safriet li saru bejn l-2008 u l-2014 bir-rata fissa ta' €1,000 ghal kull vjagg.

Is-socjeta` konvenuta tikkontendi illi l-presenza ta' Kevin Attard fuq dawn is-safriet, ghalkemm il-vjaggi li taghhom qed jigi reklamat il-hlas jidher li kienu konnessi man-negozju tas-socjeta` konvenuta, kienet dovuta unikament ghall-hbiberija bejn Antoine Agius u l-istess Kevin Attard u xejn iktar. Antoine Agius, meta xehed fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2018, qal hekk:-

"*Fil-fatt, konna nsiefru flimkien mhux ghax kelli bzonnu. Ghax konna hbieb ta' veru.*"

Madanakollu, wara li rat id-diversi *e-mails* esebiti fir-rigward u dokumenti ohrajn formanti parti minn Dok. B, u wara li hadet qies tac-cirkostanzi kollha, il-Qorti ftit li xejn ghandha dubju illi effettivament Kevin Attard akkumpanja lid-dirigent tas-socjeta` konvenuta, Antoine Agius, fuq dawn il-vjaggi u dan mhux biss ghaliex kien habib tieghu izda wkoll ghaliex il-presenza u s-servizzi tieghu kienu rikjesti u mehtiega specifikatament mis-socjeta` konvenuta. Kevin Attard xehed hekk fir-rigward:-

*"U naturalment meta jiena kont insiefer mieghu s-Sur Agius kont ninfurmah li rrid ... nithallas ta' dan* is*-servizz. ...Qatt ma tajtu stima pero` naturalment hadd ma jaghmel xejn ta' xejn. ... Jekk jahseb li jien kont insiefer mieghu ghax neihu gost insiefer, sejjer zbaljat.*"[19]

Kwantu ghall-kumpens li ghandu jigi likwidat ghas-serivzzi konsistenti f' « *Travelling to Fairs and Suppliers* », il-Qorti taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet :-

[19] Xhieda tal-10 ta' April 2018.

- Huwa inkontestat illi effettivament, l-ispejjez kollha ta' Kevin Attard marbutin mal-vjaggi, fosthom titjiiet, akkommodazzjoni u ikliet, kienu mhallsin dejjem mill-klient cioe` s-socjeta` konvenuta.

- Ghalkemm ma hemmx prova tal-perijodu ta' kull safra indikata f'Dok Z, mill-*emails* li gew esebiti jirrizulta illi dawn kienu jsiru fuq medja ta' jumejn jew tliet ijiem kull darba.

- Kevin Attard meta xehed, iddeskriva s-servizzi li kien jaghti lis-socjeta` konvenuta fuq dawn il-vjaggi barra minn Malta, hekk :-

  « *Nghid li jiena wkoll tajt servizzi bhala konsulenza, korrispondenza u traduzzjonijiet kemm qabel sabiex naghmel l-appuntamenti relattivi kif ukoll wara biex nirringrazzjahom talli jkunu laqghuna sabiex jigi konkluz in-negozju li nkunu bdejna.* »[20]

- Izda jigi osservat illi s-socjeta` attrici talbet hlas separat ghal « *Correspondence and translations plus introductory letters* » fis-somma ta' €900, liema somma kif stabbilit, huwa misthoqqa u dovuta.

Wara li hadet qies tal-premess, il-Qorti hija tal-fehma illi s-servizzi prestati minn Kevin Attard meta akkumpanja lil Antoine Agius fuq vjaggi barra minn Malta kompriza l-attendenza tieghu gewwa fieri konnessi man-negozju tas-socjeta` konvenuta u konsulenza relevanti, gew hekk rezi ghall-vantagg tas-socjeta` konvenuta u ghalihom hija misthoqqa hlas. Izda, abbazi ta' dak premess, il-Qorti m'hijiex konvinta illi r-rata fissa ta' €1,000 ghal kull vjagg ta' jumejn jew tliet ijiem huwa ragjonevoli; anzi tqis illi din hija eccessiva. Mizmumin ferm il-konsiderazzjonijiet appena maghmula (il-fatt li l-vjaggi saru fuq perijodu ta' jumejn jew tliet ijiem u li l-

[20] Xhieda tal-5 ta' Lulju 2017.

ispejjez kollha kienu mhallsin mis-socjeta` konvenuta; is-servizzi rezi waqt il-vjagg), qieghda tillikwida *arbitrio boni viri* rata ferm inqas minn dik mitluba, fis-somma ta' €500 ghal kull vjagg.

Kwantu ghall-vjaggi individwali indikati f'Dok Z, il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet ulterjuri :-

- Skont kif jirrizulta mit-tliet *tags* esebiti bhala parti minn Dok. B, il-presenza ta' Kevin Attard fil-fieri li saru gewwa Parigi (SIAL 2008), Londra (International Wine Fair 2009) u Barcelona (Alimentaria 2012), u l-konsulenza u serivzzi ohra minnu prestati fuq dawn il-vjaggi, saru fl-interess ta' kumpannija bl-isem Max Diner u mhux fl-interess tas-socjeta` konvenuta. Ghajr ghal dawn it-*tags*, ma jirrizultax li tressqet xi prova ohra in sostenn tas-servizzi reklamati in konnessjoni ma' dawn it-tliet vjaggi. Ghaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma illi t-talba ghall-hlas ghas-servizzi li gew prestati in konnessjoni ma' dawn it-tliet vjaggi, ma tistax tigi indirizzata b'success fil-konfront tas-socjeta` konvenuta meta, kif gia` stabbilit, ma gietx ippruvata l-allegazzjoni illi Max Diner Limited bidlet isimha ghal S.A. Sales Limited u/jew illi dawn huma entita` unika u mhux zewg entitajiet differenti.

- Din l-istess konsiderazzjoni tapplika ugwalment ghall-vjaggi li saru lejn Istanbul u l-Germanja : dan ghaliex skont kif jirrizulta mill-invoice[21] mahrug minn B.A.S. Limited u l-korrispondenza relattiva skambjata permezz ta' *email* in konnessjoni ma' dawn il-vjaggi li jidher li saru fi Frar tas-sena 2012 (formanti parti minn Dok. B), huwa evidenti illi l-presenza ta' Kevin Attard fuq dawn il-vjaggi u s-servizzi li huwa seta' ppresta, saru fl-interess tas-socjeta` Max Diner Limited u mhux is-socjeta` konvenuta S.A. Sales Limited.

[21] Datat 27 ta' Frar 2012

- Kwantu ghall-vjaggi li hemm referenza ghalihom fl-*emails* datati 12 ta' Settembru 2013 (Cologne) u 9 ta' Marzu 2014 (Italja), ghall-Qorti jirrizulta sodisfacjentement illi Kevin Attard akkumpanja lil Antoine Agius fuq dawn il-vjaggi b'attendenza ghall-fieri hemm imsemmija (Anuga u Vinitaly, rispettivament). Madanakollu, ghalkemm fil-prospett Dok. Z gie indikat li kien hemm tliet vjaggi b'kollox lejn l-Italja ghall-fiera Vintaly[22], ma ngiebet ebda prova kwalsiasi mis-socjeta` attrici illi Kevin Attard attenda ghan-nom taghha fuq zewg vjaggi ohra lejn l-Italja. La hemm xi korrispondenza esebita u wisq anqas xi *tag* li juri li effettivament Kevin Attard attenda f'din il-fiera f'okkazjonijiet ohra fl-interess tas-socjeta` konvenuta. Ghalkemm huwa minnu illi Antoine Agius ma nnegax illi Kevin Attard kien isiefer mieghu biex jattendu flimkien f'dawn il-fieri, il-Qorti tqis illi xorta wahda s-socjeta` attrici kellha l-oneru illi tressaq bizzejjed provi biex juru illi s-servizzi minnha reklamati effettivament gew rezi, u dan ghall-beneficcju tas-socjeta` konvenuta u mhux ghall-beneficcju ta' terzi.

Ghaldaqstant, billi gie ppruvat illi s-socjeta` attrici tramite Kevin Attard ipprestat servizzi konnessi ma' "*Travelling to Fairs and Suppliers*" a beneficcju tas-socjeta` konvenuta f'zewg okkazzjonijiet biss, u b'applikazzjoni tar-rata ta' €500 ghal kull safra, huwa dovut is-socjeta` attrici l-ammont totali ta' €1,000 ghall-presenza ta' Kevin Attard fuq il-vjaggi li saru lejn l-Italja u lejn il-Germanja, u s-servizzi ancillari prestati minnu ghan-nom tas-socjeta` attrici.

**Dok. C**

[22] *"Italy Vini Italy x 3"*

Kwantu ghas-servizz ta' « *Recruitment of staff and vetting of CVs* »[23], cioe` l-iskrutinju ta' CVs u partecipazzjoni f'intervisti ghar-reklutagg ta' impjegati godda tas-socjeta` konvenuta, fis-snin 2013 u 2014, dan jinsab sorrett ampjament mid-dokumenti formanti parti minn Dok. C. Wara li rat id-diversi *emails* esebiti fir-rigward, u wara li hadet qies tac-cirkostanzi kollha, il-Qorti ftit li xejn ghandha dubju illi effettivament Kevin Attard kien involut fir-reklutagg ta' impjegati tas-socjeta` konvenuta, billi kien jintalab jaghti u effettivament ta, pariri dwar ic-CVs sottomessi minn impjegati prospettivi u kien jippartecipa b'mod effettiv f'intervisti u d-decizjonijiet ghar-reklutagg ta' dawn l-impjegati. Dan jirrizulta wkoll minn dak li xehdu Marianne Pulis u Odette Vella[24] li kienu jahdmu mas-socjeta` konvenuta u li entrambe kkonfermaw l-involviment ta' Kevin Attard fl-impieg eventwali taghhom mal-istess socjeta` konvenuta. Gie konfermat ukoll minn Saviour Agius[25] illi kienu jintuzaw l-ufficini ta' Kevin Attard biex isiru l-interviews.

Is-socjeta` attrici reklamat hlas ghal *« vetting of CVs, appointments for interviews including use of Offices in Luqa Road, Qormi »*[26] fis-somma ta' €50 fis-siegha ghal total ta' tnax-il siegha. Wara li l-Qorti fliet id-dokumenti kollha formanti parti minn Dok. C u d-depozizzjonijiet tax-xiehda li xehdu fir-rigward, hija konvinta illi din il-konsulenza inghatat fuq bazi regolari talanqas fuq perijodu ta' ftit iktar minn sena, u illi konsegwentement is-sighat ta' servizz reklamati huma gustifikati. Stabbilit ukoll il-partecipazzjoni effettiva ta' Kevin Attard fil-process u decizjoni dwar ir-reklutagg tal-impjegati, tqis ukoll illi r-rata tal-hlas reklamata fis-somma ta' €50 fis-siegha hija huwa ragjonevoli u gusta, u ghalhekk hija dovuta s-somma komplessiva f'dan ir-rigward, ta' €600.

---

[23] Dok. Z1.

[24] Seduta tat-18 ta' Ottubru 2017.

[25] Xhieda tal-5 ta' Lulju 2017.

[26] DOk. Z

Konformement ma' dak kollu fuq premess, il-Qorti tqis illi s-somma totali dovuta lis-socjeta` attrici ghas-servizzi kollha li gew debitament ippruvati sodisfacjentement li gew rezi ghall-beneficcju tas-socjeta` konvenuta, hija dik ta' elfejn u hames mitt Euro (€2,500)[27].

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi :-**

1. **Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta u tiddikjara illi l-attur Kevin Attard ma ghandux interess guridiku li jippromovi din l-azzjoni u tillibera ghalhekk lis-socjeta` konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju kwantu ghall-istess attur;**
2. **Tichad it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta ;**
3. **Tilqa' parzjalment it-talba attrici billi filwaqt illi tiddikjara illi s-socjeta` attrici prestat diversi servizzi lis-socjeta` konvenuta fuq struzzjonijiet taghha, tillikwida l-ammont dovut bhala hlas ghal dawn is-servizzi fis-somma ta' elfejn u hames mitt Euro (€2,500) u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta illi thallas lis-socjeta` attrici l-istess somma ta' elfejn u hames mitt Euro (€2,500), bl-imghax mid-data tas-sejha gudizzjarja li saret permezz tar-Rikors promotur, cioe` l-14 ta' Settembru 2016, u b'hekk tichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tas-socjeta` konvenuta safejn huma inkompatibbli ma' dak hawn deciz.**

[27] €900 + €1000 + €600.

**Kwantu ghall-kap tal-ispejjez, l-attur Kevin Attard ghandu jbati l-ispejjez tieghu filwaqt illi l-ispejjez l-ohra jithallsu nofs b'nofs bejn is-socjeta` attrici u s-socjeta` konvenuta.**

**Dr. Rachel Montebello**

**Magistrat.**